# Aspetti tal-Festa Tagħna Nru 13 L-Armar ta' Barra (1888–1960)

minn Winston L. Zammit B.A.(Hons), P.G.C.E., M.A.

Fil-ħarġa tal-programm tal-festa tas-sena 2006 kont ktibt dwar il-mixeghla fit-toroq. Din is-sena se nagħti ftit tagħrif dwar l-armar li kien isir fit-toroq fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tas-Sacro Cuor.

L-ewwel darba li sibt tagħrif dwar l-armar ta' barra huwa tas-sena 1888, meta f'gazzetta lokali nsibu biss nota żgħira dwaru. Din semmiet l-armar ta' barra u ddeskrivietu bħala *discreto apparato*.[1] Fl-okkażjoni tal-festa ta' l-1893, żewġ gazzetti lokali jagħtuna xi tagħrif dwar l-armar ta' barra. Il-gazzetta 'Malta' tgħidilna li kien hemm it-tiżjin fit-toroq, iżda l-gazzetta 'The Malta Chronicle' tagħtina ftit aktar dettalji meta tgħidilna li *the street decorations were well done*. Tgħidilna wkoll li l-faċċata tal-knisja kienet imżejna b'dan il-mod *banners, flags being profusely displayed*.[2] Sentejn wara, fl-1895, gazzetta lokali tgħidilna li t-tiżjin kien *di molto gusto*.[3]

Għal tnax-il sena ma nsibu l-ebda tagħrif dwar l-armar ta' barra, iżda fl-1908 nsibu l-ewwel indikazzjoni ta' armar bi statwi, għax insibu li żżanżnu erba' anġli ġodda.[4]

Il-festa ta' l-1911 kienet speċjali għax għall-ewwel darba saret il-purċissjoni bil-vara fl-okkażjoni tal-Festa Titulari. Dwar din il-festa nsibu li *The principal streets of that part of Sliema, from Prince of Wales Road to the road leading to St Julians were tastefully and artistically decorated.*

L-istess gazzetta tkompli tgħidilna li *banners, flags and bunting being profusely displayed from every top house and establishment*.[5]



Triq San Trofimu

Għal darb'oħra fl-okkażjoni ta' din il-festa nsibu referenza għal statwa ta' barra, għax skond gazzetta lokali, kellha tiżżanżan statwa tal-Papa ta' dak iż-żmien, Piju X, xogħol ta' l-artist Ċensu Cremona.[6]

Għall-festa tas-sena ta' wara (1912) insibu li t-toroq kienu mżejna għall-festa[7], filwaqt li sentejn wara, fl-1914, insibu li sar it-tiżjin tat-toroq prinċipali viċin il-knisja li ġew imżejna permezz tal-Membri tal-Kumitat.[8]

Il-festa ta' l-1919, l-ewwel waħda wara t-twaqqif tal-parroċċa (1918) ma saritx b'solennità kbira esternament minħabba l-effett ta' l-irvellijiet tas-Sette Giugno. Fil-fatt f'din l-okkażjoni l-kumitat iddeċieda li jżejjen biss it-triq ta' quddiem il-knisja.[9]

Għall-festa ta' l-1923, insibu li *the streets adjoining the church and many of the principal thoroughfares of that charming suburb were gaily decorated*[10] u skond il-kronaka tal-parroċċa l-istess toroq ġew imżejna bi stil ġdid, permezz tal-membri tal-kumitat.[11] Għall-festa tas-sena ta' wara (1924) insibu li ġew imżejna kważi t-toroq kollha tal-parroċċa.[12]

Għall-festa titulari ta' 1933 insibu li saru xi spejjeż b'rabta mat-tiżjin. Hekk insibu dwar l-ispejjeż. Insibu



Triq il-Karmnu



*Tfal ta' l-armar 1951.*

nefqa ta' £2 15s ħaxix għat-toroq, intefqu 18-il xelin u 8 soldi biex inxtraw 29 lasta għall-bandieri u 9 xelini u 2 soldi biex inxtraw xi ħbula għall-bandieri.[13]

Jidher li l-gwerra ħalliet l-effett tagħha fuq l-armar tal-festa, għax xi armar ittieħed biex jintuża f'dik l-emerġenza.

Wara l-gwerra, fis-snin ħamsin, it-toroq tal-parroċċa bdew jiġu mżejna bid-disinji ta' l-injam u tal-karti, u bil-pavaljuni. Ritratt fil-pussess tiegħi, juri t-triq tal-knisja, Triq Santa Marija u Triq il-Karmnu armati b'dan il-mod.[14]

Fl-1958 ġie fil-kunvent ta' Tas-Sliema, bħala gwardjan, Patri Lettur Vinċenz Galea OFM JCL, li kellu wkoll il-kariga ta' Prokuratur tal-Festa. Fi żmien l-amministrazzjoni tiegħu l-festa ħadet spinta 'l quddiem u beda jiżdied l-armar ta' barra. Dan joħroġ ċar mir-rendikont tal-festa ta' dik is-sena fejn insibu spiża ta' 20 lira u tnax-il xelin injam għall-kolonni u spejjeż oħra. Fl-istess sena twaħħlu wkoll xi antarjoli fix-xatt. Tkompla wkoll isir it-tiżjin tat-toroq tal-parroċċa permezz tal-karti u l-injam.[15]

**Referenzi**


1 Malta C(orriere) M(ercantile) M(altese) 11.vi.1888
2 Malta C.M.M. 13-VI-1893, The Malta Chronicle, 13-VI-1893
3 Malta C.M.M. 26-VI-1895
4 Malta e Sue Dipendenze, 11-VII-1908
5 The Malta Herald, 3-VII-1911
6 Is-Salib, 10-VI-1911
7 Malta e Sue Dipendenze 26-VI-1912
8 Ibid 8-VII-1914
9 Ibid i-VII-1919
10 The D(aily) M(alta) C(hronicle) 19-VI-1923
11 Piccola Cronaca della Parrocchia di Nostra Signora dalla Sua Erezione 7-VII-1923 p 40
12 Ibid p 24
13 A(rkivju) P(rovinċjali) P(atrijiet) M(inuri) V(alletta) Atti oriġinali Sliema, Vol. 2, Doc 140
14 Ritratti fil-pussess ta' l-awtur
15 Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur





*La Bomboniera*

***Souvenirs, Gifts for Weddings and other special occasions***

25 High Street, Sliema
Tel: 2131 2503 / 2137 1538
Mob: 7970 5819
e-mail: testarossa@onvol.net